Nru./No. 21,477
Prezz/Price
€0.72

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 28 ta' Lulju, 2025
Monday, 28th July, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 10,025 - 10,035
Government Notices ..... *10,025 - 10,035*

Avviżi tal-Qorti 10,036
Court Notices *10,036*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1181

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(Kap. 406)

Avviż skont l-Artikoli 58 u 73

SKONT id-dispozizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 58(3) u l-artikolu 73(2) tal-Att tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana qiegħed hawnhekk jinnotifika lil persuna/i mniżżla hawn taħt li ħareġ avviż fir-rigward tagħhom għal ħlas ta' taxxa, penali u interessi skont l-Arikolu 59 tal-Kap 406.

Vat Number	*Tax Payer*
1097-1526	WOM Ltd
1097-1526	Marinov Marius Ivanov
1208-3512	Għaqda Kooperattiva Tas-Sajd Ltd
1780-6331	Mega Properties Ltd
1780-6331	Carmen Vassallo
1923-2734	Diamond Aviation Ltd
1923-2734	Marco A Ciliberti
1999-6018	Network Asset Solutions Limited
1999-6018	David O'Neill
1999-6018	Shelly O'Neill
2001-5823	Imex Distribution Limited
2001-5823	Lars Christian Beitnes
2051-0213	Silacom Ltd
2053-4605	Electricars Ltd
2053-4605	Gianluca Scarponi
2064-2335	Melite Yachts Construction Ltd
2064-2335	The heir of John Farrugia
2064-6212	Melite Yachts Distributors Co.Ltd
2064-6212	The heir of John Farrugia
2310-1716	Milky Distribution Limited
2310-1716	Hristian Bozhidarov Petrakiev
2319-7224	Saji Unnikrishnan
2244-7737	Deborah Schembri
2244-7737	Marisa Ciappara

Jekk il-ħlas ma jsirx fi żmien 30 jum mid-data ta' din in-notifika il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana se jipproċedi biex jinforza l-ħlas skont il-liġi. Kopji tal-imsemmija avviż jistgħu jinġabru mis-Sezzjoni tal-Ġbir, KTD, Blk 5, il-Furjana.

It-28 ta' Lulju, 2025

GOVERNMENT NOTICES

No. 1181

VALUE ADDED TAX
(Cap. 406)

Notice in terms of Articles 58 and 73

IN terms of the proviso to Article 58(3) and Article 73(2) of the Value Added Tax Act, the Commissioner for Tax and Customs is hereby notifying the person/s listed hereunder that a demand notice for payment of tax, penalties and interest as per Article 59 of Cap 406 has been issued in their regard.

Vat Number	*Tax Payer*
1097-1526	WOM Ltd
1097-1526	Marinov Marius Ivanov
1208-3512	Għaqda Kooperattiva Tas-Sajd Ltd
1780-6331	Mega Properties Ltd
1780-6331	Carmen Vassallo
1923-2734	Diamond Aviation Ltd
1923-2734	Marco A Ciliberti
1999-6018	Network Asset Solutions Limited
1999-6018	David O'Neill
1999-6018	Shelly O'Neill
2001-5823	Imex Distribution Limited
2001-5823	Lars Christian Beitnes
2051-0213	Silacom Ltd
2053-4605	Electricars Ltd
2053-4605	Gianluca Scarponi
2064-2335	Melite Yachts Construction Ltd
2064-2335	The heir of John Farrugia
2064-6212	Melite Yachts Distributors Co.Ltd
2064-6212	The heir of John Farrugia
2310-1716	Milky Distribution Limited
2310-1716	Hristian Bozhidarov Petrakiev
2319-7224	Saji Unnikrishnan
2244-7737	Deborah Schembri
2244-7737	Marisa Ciappara

Unless payment is effected within 30 days from the date of this notice the Commissioner for Tax and Customs will proceed to enforce payment in terms of law. Copies of said notices may be collected from the Collection Section, MTCA, Blk5, Floriana.

28th July, 2025

No. 1182

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Regolamenti tal-2025 dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2025 dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola. L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jiġu stabbiliti miżuri u proċessi sabiex tiġi salvagwardjata art agrikola biex jiġi żgurat li art agrikola tinżamm bħala tajba għal skopijiet agrikoli. Dawn ir-regolamenti ġew abbozzati mill-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-annimali (MAFA).

2. Taqsira u l-isfond

Permezz tal-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, l-art agrikola għandha tiġi mħarsa minn ħsarat u l-vijabilità agronomika tiġi promossa. Miżuri agronomiċi minimi qed jiġu stabbiliti sabiex isostnu s-settur agrikolu lokali billi jipproteġu l-ħamrija u jikkultivaw art agrikola mill-inqas darba kull sena agrikola. Il-kultivazzjoni ta' għelieqi abbandunati tista' tikkontribwixxi għat-tneħħija tal-karbonju permezz tat-tħawwil ta' siġar u għelejjel filwaqt li ttejjeb l-estetika viżiva tal-pajsaġġ rurali li ttejjeb il-benesseri soċjali. Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti huma maħsuba wkoll biex jiżguraw li kwalunkwe art agrikola attwalment abbandunata tiġi ġestita b' mod sostenibbli permezz ta' intervent mill-gvern.

3. Ħarsa ġenerali tal-istruttura tal-istrument

Dawn ir-regolamenti li jaqgħu taħt l-Att dwar l-Agrikoltura (Kapitolu 639 tal-Liġijiet ta' Malta) huma stabbiliti f' erbatax (14)-il regolament:

- Titolu, għan u bidu fis-seħħ (regolament 1)
- Tifsir (regolament 2)
- Reġistrazzjoni ta' art agrikola (regolament 3)
- Pjan tal-għelejjel (regolament 4)
- Manteniment ta' art agrikola (regolament 5)
- Attività minima fuq art agrikola (regolament 6)
- Obbligi addizzjonali (regolament 7)
- Art mhux reġistrata (regolament 8)
- Bejgħ ta' art agrikola (regolament 9)
- Setgħat ġenerali tal-uffiċjali awtorizzati (regolament 10)
- Miżuri f'każ ta' irregolaritajiet u ksur (regolament 11)
- Avviż ta' twissija (regolament 12)
- Proċeduri quddiem il-Qorti (regolament 13)
- Reati u multi (regolament 14)

4. Kummentarju

Ir-regolament 3 jeħtieġ li d-Direttur iżomm reġistru u l-bdiewa jew detenturi ta' titolu validu għandhom jirreġistraw l-art agrikola tagħhom, u dawk l-bdiewa li jkunu diġà involuti f'attività agrikola għandhom jirreġistraw tali art agrikola fi żmien sitt

[1]Din in-nota ta' spjegazzjoni hija skont u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta)

(6) xhur mid-dħul fis-seħħ tar-regolamenti.. Mar-reġistrazzjoni, pjan tal-għelejjel jeħtieġ li jiġi sottomess għal sena agrikola waħda jew aktar skont ir-regolament 4.

Ir-regolament 5 jistabbilixxi miżuri għas-salvagwardja tal-art agrikola minn theddid u ħsara li jinkludu miżuri li jipproteġu l-ħamrija minn attivitajiet li jiddeterjorawha jew li jirrenduha mhux tajba għall-użu agrikolu.

Ir-regolament 6 jistabbilixxi l-attivitajiet minimi fuq l-art agrikola, li jistipula li prodott għandu jiġi kkultivat mill-inqas darba kull sena agrikola, sakemm ma jinżammx mistrieħ bħala parti minn eżerċizzju ta' newba tal-għelejjel li huwa inkluż bħala parti mill-pjan tal-għelejjel sottomess lid-Direttur. Art agrikola imħawwla bi speċi selvaġġi ta' pjanti bħala parti minn miżura agroambjentali ffinanzjata permezz ta' fondi nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea hija eżentata minn dan l-obbligu. Ir-regolament 7 jippermetti li jiġu preskritti miżuri addizzjonali mill-Ministru tal-Agrikoltura f' każ ta' emerġenzi jew kif meħtieġ.

Ir-regolament 8 jistabbilixxi miżuri biex jiġi żgurat li kwalunkwe art agrikola attwalment abbandunata tiġi ġestita b'mod sostenibbli permezz ta' intervent mill-gvern. F'każijiet fejn art agrikola ma tkunx reġistrata, id-Direttur għandu jwaħħal avviż fis-sit tal-art agrikola u għandu wkoll jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta biex kwalunkwe persuna li għandha interess fuq dik l-art tiddikjara dak l-interess fi żmien tliet (3) xhur minn dik il-pubblikazzjoni. Jekk ma jiġix dikjarat interess, Id-Direttur jitlob lill-Riżorsi Agrikoli Malta (RAM) biex tirreġistra l-art f'isimha u takkwista pussess effettiv tal-art agrikola u jkollha s-setgħa li jallokaha għall-attività agrikola. Jekk jiġi ppruvat titolu validu, l-art għandha tiġi dereġistrata minn RAM sal-aħħar tas-sena agrikola u d-detentur tat-titolu jirreġistra dik l-art favurih, dment li kwalunkwe multa jew tariffa jew dritt jiġu saldati mid-detentur tat-titolu. Id-detentur tat-titolu jkun meħtieġ ukoll li jikkumpensa lil RAM għall-ispejjeż kollha magħmula għat-teħid tal-art agrikola u l-ġestjoni tal-istess, inklużi iżda mhux biss limitatament għall-spejjeż notarili, legali u fiskali, u l-ispejjeż għall-miljoramenti kollha magħmula minn RAM. Jekk id-detentur ta' titolu validu jipprova li kien impossibbli għalih li jirreġistra l-art agrikola skont dawn ir-regolamenti, u li jobbliga ruħu li ser jkun qiegħed jaġixxi ta' bidwi għal tali art agrikola ladarba tkun reġistrata f'ismu, huwa għandu jkollu dritt għall-ħlas ta' kwalunkwe ammont ekwivalenti miġbur minn Riżorsi Agrikoli Malta mingħand terzi, esklużi l-ispejjeż diġa msemmija, u tali ammont ekwivalenti għandu jitħallas lill-bidwi jew lid-detentur ta' titolu validu minn RAM

Ir-regolament 9 jipprojbixxi r-reklamar li jippromwovi l-bejgħ ta' art agrikola għal finijiet mhux agrikoli

Ir-regolament 10 jistabbilixxi li għal finijiet tas-setgħat ġenerali ta' uffiċjali awtorizzati l-artikolu 8 tal-Att dwar l-Agrikoltura (Kap 639) għandu japplika mutatis mutandis.(. Il-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' irregolaritajiet u l-ksur huma stabbiliti taħt ir-regolament 11, u n-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri jitqies bħala reat. Avviż ta' twissija għandu jinħareġ skont ir-regolament 12 f' każ li r-rekwiżiti tar-regolamenti 4 sa 7 ma jiġux sodisfatti. Ir-regolament 13 jiddeskrivi l-proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti tal-ġudikatura kriminali u r-regolament 14 jistabbilixxi r-reati u l-multi.

5. Sezzjoni konklużiva

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta, iżda r-regolament 8 għandu jidħol fis-seħħ fi żmien sena (1) mill-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti fil-Gazzetta

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lil agripolicy.mafa@gov.mt

N.B. Din in-Nota ta' Spjegazzjoni mhix maħsuba biex tkun deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġislattiv għall-istess. Din in-Nota ta' Spjegazzjoni mhix intiża bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

It-28 ta' Lulju, 2025

Linji Gwida

Regolamenti tal-2025 dwar il- dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola Linji gwida għall-Utenti

1. Ir-regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-art Agrikola jipprovdu qafas legali biex jiġi żgurat li l-art agrikola tinżamm bħala xierqa għal skopijiet agrikoli. Numru ta 'miżuri huma stabbiliti biex jassiguraw sostenibbiltà u vijabilità tas-settur agrikolu.

2. Dawn il-linji gwida għall-utenti huma maħsuba biex il-bdiewa u detenturi ta' titolu validu tal-art agrikola jifhmu aħjar l-obbligi stabbiliti fir-regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-art Agrikola li huma meħtieġa għas-salvagwardja tal-art agrikola.

3. Il-bdiewa li jimmaniġġjaw art agrikola u detenturi ta' titolu validu tal-art agrikola li tkun barra miż-żona tal-iżvilupp u li tista' ssostni attività agrikola, jeħtieġ li jissodisfaw l-obbligi stabbiliti f' dawn ir-regolamenti.

4. Bdiewa jew detenturi ta' titolu validu għandhom jirreġistraw l-art agrikola tagħhom mad-Direttur tal-Agrikoltura u dawk il-bdiewa li diġà huma impenjati f'attività agrikola jridu jirreġistraw l-art agrikola tagħhom fi żmien sitt (6) xhur mid-dħul fis-seħħ tar-regolamenti. Mar-reġistrazzjoni, jeħtieġ li jiġi sottomess pjan tal-għelejjel li jinkludi dettalji tal-uċuħ tar-raba' li għandhom jiġu kkultivati matul sena agrikola waħda jew aktar, li tibda fl-1 ta' Settembru u tispiċċa fil-31 ta' Awwissu ta kull sena kalendarja, biż-żewġ dati inklużi.

5. Il-bdiewa jew detenturi ta' titolu validu għandhom iżommu l-art agrikola f 'kundizzjoni tajba billi jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fir-regolamenti. Dawn jinkludu miżuri li jipproteġu l-ħamrija milli tiddeterjora u ma tibqax tajba għall-użu f'attività agrikola.

6. Bħala minimu, jrid jiġi kkultivat prodott agrikolu mill-inqas darba kull sena agrikola. Perjodi ta' mistrieħ huma permessi jekk ikunu parti minn eżerċizzju ta' newba tal-għelejjel skont il-pjan tal-għelejjel sottomess lid-Direttur. F'każ li art agrikola hija parti minn impenn agroambjentali dwar il-klima li tirrikjedi li tkun kkultivata bi speċi ta' pjanti selvaġġi, u li hija ffinanzjata permezz ta' fondi nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea, tali art hija eżentata minn dan l-obbligu. Obbligi temporanji addizzjonali jistgħu jkunu meħtieġa f'każijiet estremi jew ta' emerġenza.

7. Għal art agrikola li ma tkunx ġiet reġistrata, id-Direttur se jwaħħal avviż fis-sit tal-art agrikola u wkoll joħroġ avviż fil-Gazzetta tal-Gvern li jordna lil kwalunkwe persuna li jkollha interess f 'dik l-art agrikola biex tiddikjara u tiddeskrivi dak l-interess fi żmien tliet (3) xhur mill-pubblikazzjoni tal-imsemmi avviż. Jekk ma ssirx dikjarazzjoni, id-Direttur għandu jitlob lill-Aġenzija Riżorsi Agrikoli Malta biex tirreġistra l-art agrikola f' isimha. Jekk jiġi ppruvat titolu validu wara r-reġistrazzjoni f' isem Riżorsi Agrikoli Malta, l-art agrikola tiġi dereġistrata mill-Aġenzija sa l-aħħar tas-sena agrikola u tiġi rreġistrata favur id-detentur tat-titolu, soġġett għal kundizzjonijiet li bihom kwalunkwe multa, miżata jew debitu ieħor jiġi saldat mid-detentur tat-titolu, u fejn id-detentur jikkumpensa lill-Aġenzija għall-ispejjeż kollha magħmula għat-teħid tal-art agrikola u l-ġestjoni tal-istess inklużi iżda mhux biss limitatament għall-spejjeż notarili, legali u fiskali, u l-ispejjeż għall-miljoramenti kollha magħmula minn Riżorsi Agrikoli Malta.

8. Jekk id-detentur jipprova li kien impossibbli għalih li jirreġistra l-art agrikola skont ir-regolamenti, u li jobbliga ruħu li ser jkun qiegħed jaġixxi ta' bidwi għal talidik l-art agrikola ladarba tkun reġistrata f'ismu, huwa għandu jkollu dritt għall-ħlas ta' kwalunkwe ammont ekwivalenti miġbur minn Riżorsi Agrikoli Malta mingħand terzi, esklużi l-ispejjeż diġa msemmija, u dak tali ammont l- ekwivalenti għandu jitħallas lill-bidwi jew jew detenturi ta' titolu validu minn Riżorsi Agrikoli Malta.

9. Ir-regolamenti jipprojbixxu reklamar li jippromwovi art agrikola għal skopijiet mhux agrikoli.

10. Uffiċjali awtorizzati għandu jkollhom id-dritt li jidħlu u jispezzjonaw kull bini u struttura u art agrikola jekk ikun hemm suspett ta' ksur tar-regolamenti.

Ir-regolamenti jistabbilixxu miżuri għal azzjoni korrettiva f 'każ ta' irregolaritajiet u ksur kif ukoll multi għal kull persuna li tinstab ħatja ta' reat. Jekk bidwi ma jissodisfax l-obbligi, jinħareġ avviż ta' twissija li jiddeskrivi l-irregolaritajiet u l-miżuri li għandhom jittieħdu bħala konformi u l-perjodu ta 'żmien li fih għandhom jittieħdu l-miżuri. Il-Qorti tal-Maġistrati tkun kompetenti għal reati għar-regolamenti u kwalunkwe persuna misjuba ħatja ta' reat teħel multi kif stabbilit fir-regolamenti.

11. Ir-regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-art Agrikola għandhom jidħlu fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta, iżda r-regolament 8 għandu jidħol fis-seħħ fi żmien sena (1) mill-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti fil-Gazzetta.

12. Għal aktar informazzjoni, il-bdiewa jistgħu jikkuntattjaw lid-Direttorat tal-Agrikoltura billi jibagħtu email lil agripolicy.mafa@gov.mt jew iċemplu fuq 22926700.

No. 1182

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Protection of Agricultural Land Regulations, 2025

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

The title of these regulations is the Protection of Agricultural Land Regulations, 2025. The scope of these regulations is to establish measures and processes to safeguard agricultural land to ensure that agricultural land is maintained as suitable for agricultural purposes. These regulations have been drafted by the Ministry of Agriculture, Fisheries and Animal Rights (MAFA)

2. Summary and background

Through the implementation of these regulations, agricultural land shall be safeguarded from damages and agronomic viability is promoted. Minimum agronomic measures are being laid down in order to sustain the local agricultural sector by protecting soil and cultivating agricultural land at least once every agricultural year. The cultivation of abandoned fields can contribute towards carbon removals through the planting of trees and crops whilst improving the visual aesthetic of the rural landscape enhancing social wellbeing. The provisions of these regulations are also envisaged to ensure that any current abandoned agricultural land is managed in a sustainable manner through government intervention.

3. Overview of the structure of the instrument

These regulations which fall under the Agriculture Act (Chapter 639 of the Laws of Malta) are set out in fourteen (14) regulations:

1. Citation, scope and commencement (regulation 1)
2. Interpretation (regulation 2)
3. Registration of agricultural land (regulation 3)
4. Crop plan (regulation 4)
5. Maintenance of agricultural land (regulation 5)
6. Minimum activity on agricultural land (regulation 6)
7. Additional obligations (regulation 7)
8. Unregistered land (regulation 8)
9. Sale of agricultural land (regulation 9)
10. General Powers of the authorised officers (regulation 10)
11. Measures in case of irregularities and breaches (regulation 11)
12. Warning notice (regulation 12)
13. Proceedings before the Court (regulation 13)
14. Offences and fines (multi) (regulation 14)

4. Commentary

Regulation 3 requires that the Director keeps a register and farmers or valid title holders are to register their agricultural land. Those farmers already engaged in agricultural activity need to register their agricultural land within six (6) months from the entry into force of the regulations. Upon registration, a crop plan needs to be submitted for one or more agricultural years in line with regulation 4.

[1]This Explanatory Note is in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

Regulation 5 sets out measures to safeguard agricultural land from threats and damages which include measures that protect the soil from activities that deteriorate it or render it unsuitable for agricultural use.

Regulation 6 sets out the minimum activity on agricultural land, which stipulates that a product must be cultivated at least once every agricultural year, unless it is kept fallow as part of a crop rotation exercise that is included as part of the crop plan submitted to the Director. Land parcels planted with wild species of plants as part of an agri-environmental commitment financed through National or European Union funds are exempted from this obligation. Regulation 7 allows for additional measures to be prescribed by the Minister for Agriculture in case of emergencies or as required.

Regulation 8 sets out measures to ensure that any current abandoned agricultural land is managed in a sustainable manner through government intervention. In cases where agricultural land is not registered, the Director shall affix a notice at the site of the agricultural land and a notice shall also be published in the Gazette for any person to declare interest for that land within three (3) months from that publication. If no interest is declared, the Director will request the Riżorsi Agrikoli Malta (RAM) to register the land on its behalf and acquire effective possession of the agricultural land and have the power to allocate it for agricultural activity. Should a valid title be proven then the land shall be deregistered from RAM at the end of the agricultural year and the title holder will register that land in his favour, provided that any fines or fees or dues are settled by the title holder. The title holder will also be required to compensate RAM for all the expenses incurred for the taking up of the agricultural land and the management thereof including but not limited to notarial, legal and fiscal costs, and the expenses for all improvements made by RAM. If the valid title holder proves that it was impossible for him to register the agricultural land according to these regulations, and that he obliges himself that he will act as the farmer for such agricultural land once it is registered in his name, he shall be entitled to the payment of any amount equivalent to every payment received by RAM from third parties, excluding the expenses previously mentioned, and that amount shall be paid to the farmer or valid title holder by RAM.

Regulation 9 prohibits advertisement that promotes agricultural land for non-agricultural purposes

Regulation 10 sets out that for the purposes of the general powers of authorised officers article 8 of the Agriculture Act (Cap 639) shall apply mutatis mutandis.

The measures to be taken in case of irregularities and the breaches are set out under regulation 11, and failure to implement such measures is deemed an offence. A warning notice shall be issued as per regulation 12 in case the requirements of regulations 4 to 7 are not satisfied. Regulation 13 describes proceedings before the Court of Magistrates as a court of criminal judicature and regulation 14 sets out offences and fines.

5. Concluding Section

These regulations shall come into force within two (2) months from their publication in the Gazette, provided that regulation 8 shall come into force within one (1) year from the publication of these regulations in the Gazette.

For further information please contact agripolicy.mafa@gov.mt

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

28th July, 2025

User Guidelines

Protection of Agricultural Land Regulations, 2025

1. The Protection of Agricultural Land Regulations provide a legal framework to ensure that agricultural land is maintained as suitable for agricultural purposes. A number of measures are established to ensure sustainability and viability of the agricultural sector.

2. These user guidelines are intended for farmers and valid title holders of agricultural land to better understand the obligations set out in the Protection of Agricultural Land Regulations which are necessary to safeguard agricultural land.

3. Farmers managing agricultural land and valid title holders of agricultural land that is outside the development zone and that can support an agricultural activity, need to satisfy the obligations set out in these regulations.

4. Famers or valid title holders need to register their agricultural land with the Director of Agriculture and those farmers who are already engaged in agricultural activity need to register their agricultural land within six (6) months from the coming into force of the regulations. Upon registration, a crop plan needs to be submitted that includes details of the crops to be cultivated during one or more agricultural year, that starts on 1st September and ends on 31st August of each calendar year, both dates included.

5. Farmers or valid title holders need to maintain agricultural land in good condition by meeting the obligations set in the regulations. These include measures that protect the soil from being deteriorated becoming unsuitable for use in an agricultural activity.

6. As a minimum, an agricultural product must be cultivated at least once every agricultural year. Fallow periods are allowed if they are part of a crop rotation exercise according to the crop plan submitted to the Directorate. In the case where agricultural land is part of an agri-environment climate commitment which requires it to be cultivated with wild plant species, and which is financed through National or European Union Funds, such land is exempted from this obligation. Additional temporary obligations may be required in extreme or emergency cases.

7. For agricultural Land that has not been registered, the Director will affix a notice at the site of the agricultural land and also issue a notice in the Government Gazette ordering any person having interest in that agricultural land to declare and describe that interest within three (3) months of publication of the said notice. If no declaration is made, the Director shall request the Riżorsi Agrikoli Malta Agency to register the agricultural land on its behalf. If a valid title is proven following the registration on behalf of Riżorsi Agrikoli Malta, the agricultural land will be deregistered from the Agency at the end of the agricultural year and be registered in favour of the title holder, subject to conditions whereby any fines, fees or dues are settled by the title holder, and where the holder compensates the Agency for all the expenses incurred for the taking up of the agricultural land and the management thereof including but not limited to notarial, legal and fiscal costs, and the expenses for all improvements made by Riżorsi Agrikoli Malta.

8. If the holder proves that it was impossible for him to register the agricultural land according to the regulations, and that he obliges himself that he will act as the farmer for such agricultural land once it is registered in his name, he shall be entitled to the payment of any amount equivalent to every payment received by Riżorsi Agrikoli Malta from third parties, excluding the expenses previously mentioned, and that amount shall be paid to the farmer or valid title holder by Riżorsi Agrikoli Malta.

9. The regulations prohibit advertisement that promotes agricultural land for non-agricultural purposes.

10. Authorised officers shall have the right to enter and inspect any buildings and structures and agricultural land if there is suspicion of breaches to the regulations.

11. The regulations set out measures for corrective action in case of irregularities and infringements as well as fines for any person found guilty of an offence. If a farmer does not satisfy the obligations, a warning notice is issued describing the irregularity and measures to be taken to be deemed in compliance and the timeframe in which the measures are to be taken. The Court of Magistrates shall be competent for offences to the regulations and any persons found guilty of an offence shall be liable to fines as set out in the regulations.

12. The Protection of Agricultural Land regulations shall come into force within two (2) months from their publication in the Gazette, provided that regulation 8 shall come into force within one (1) year from the publication of these regulations in the Gazette.

13. For further information, farmers may contact the Agriculture Directorate by sending an email to agripolicy.mafa@gov.mt or by calling on 22926700.

No. 1183

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Noti ta' Spjegazzjoni fir-rigward tar-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Materjal għat-Tkattir tad-Dwieli[1]

a. Introduzzjoni

Titolu tal-Avviż Legali	Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Materjal għat-Tkattir tad-Dwieli (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala r-"regolamenti li jemendaw")
Attività li għandha tiġi regolata	Li tkompli tittrasponi l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Kunsill tad-9 ta' April 1968 dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal għat-tkattir veġetattiv tad-dwieli (68/193/EEC).
Entità responsabbli	Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

b. Sommarju u sfond

Id-Direttiva tal-Kunsill tad-9 ta' April 1968 dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal għall-propagazzjoni veġetattiva tad-dwieli (68/193/EEC) ġiet trasposta permezz tar-Regolamenti dwar il-Propagazzjoni tal-Materjal tad-Dwieli (L.S. 433.15) (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala r-"regolamenti prinċipali"). Ir-regolamenti prinċipali ġew ippubblikati għall-ewwel darba fl-2004 u ġew emendati fl-2006 u l-2020. Dan l-aħħar qamet il-ħtieġa li jiġi traspost aktar l-Artikolu 5(1) ta' l-imsemmija Direttiva, sabiex fil-każ ta' varjetajiet ta' dwieli li kienu diġà aċċettati fil-31 ta' Diċembru 1971, tista' ssir referenza għad-deskrizzjoni tagħhom fil-pubblikazzjonijiet ampelografiċi uffiċjali.

c. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Dawn ir-regolamenti li jemendaw huma magħmula minn żewġ (2) regolamenti u jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

Regolament 1. Ċitazzjoni u ambitu
Regolament 2. Jemenda r-regolament 7(5) tar-regolamenti prinċipali.

d. Kummentarju

Regolament 2: Jemenda r-regolament 7(5) sabiex fl-aħħar tar-regolament jiżdied dan li ġej: "Għal dawk il-varjetajiet diġà aċċettati fil-31 ta' Diċembru 1971, tista' ssir referenza għad-deskrizzjoni fil-pubblikazzjonijiet ampelografiċi uffiċjali.".

e. Sezzjoni ta' Konklużjoni

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta tal-Gvern.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti fuq l-imejl plantprotection@gov.mt jew telefown 22926535.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma għall-fini ta' u skont l-Artikolu 3(2)(c) u l-Iskeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta.

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

It-28 ta’ Lulju, 2025

Linji Gwida għall-Utent

Avviż Legali: Regolamenti dwar Materjal għat-Tkattir ta’ Dwieli (Emenda) 2025

Udjenza fil-mira

L-informazzjoni li ġejja tappartjeni għal operaturi professjonali li huma rreġistrati mad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti u li huma attivi fis-settur tat-tkattir u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ materjal għat-tkattir ta’ dwieli.

Għan tal-Avviż Legali

Il-liġi nazzjonali, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 433.15 — Regolamenti dwar Materjal għat-Tkattir ta’ Dwieli, tipprovdi r-regoli u l-istandards għall-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal għat-tkattir ta’ dwieli [pjanti ta’ ġeneru Vitis (L.) maħsuba għall-produzzjoni ta’ għeneb jew biex jintużaw bħala materjal ta’ tkattir għal tali pjanti]. Wieħed jista’ jsib din il-leġiżlazzjoni fl-Legislation Malta (https://legislation.mt/eli/sl/433.15/20201002/mlt).

Regolament 7 ta’ S.L. 433.15 jistipula l-kundizzjonijiet għall-elenkar tal-varjetajiet u jgħid li l-katalgu li fih il-varjetajiet huma reġistrati għandu jindika l-karattri morfoloġiċi u fiżjoloġiċi prinċipali li bihom il-varjetajiet jistgħu jiġu distinti minn xulxin. Mill-pubblikazzjoni tal-Avviż Legali l-ġdid, għal dawk il-varjetajiet diġà aċċettati fil-31 ta’ Diċembru 1971, tista’ ssir referenza għad-deskrizzjonijiet fil-pubblikazzjonijiet ampelografiċi uffiċjali.

Setturi milquta

Negozju relatat mat-tkattir u l-kummerċjalizzazzjoni tad-dwieli.

Konformità

L-operaturi professjonali jeħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiggarantixxu l-konformità ma’ dawn ir-regolamenti l-ġodda meta jkunu beħsiebhom ikattru u jikkummerċjalizzaw varjetajiet ta’ dwieli qodma fit-territorju Malti.

Id-dettalji f’dan id-dokument ma jissostitwixxux il-leġiżlazzjoni nazzjonali u m’għandhom l-ebda piż legali. Kwalunkwe żball jew ommissjoni f’dawn il-linji gwidi ma jeżentawx lill-operatur professjonali mill-konformità meħtieġa mill-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 433.15 flimkien mal-Avviż Legali l-ġdid.

Regolatur

Fost responsabbiltajiet oħra, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti għandu jiżgura li l-varjetajiet ta’ dwieli qodma li jkunu se jiġu ikkultivati fit-territorju Malti u li minnhom għandu jittieħed u jinbiegħ materjal għat- tkattir, għandhom ikunu reġistrati fil-katalgu nazzjonali soġġett għall-preżentazzjoni ta’ deskrizzjonijiet disponibbli fil-pubblikazzjonijiet ampelografiċi uffiċjali.

Dettalji ta’ kuntatt

Aktar spjegazzjonijiet jistgħu jinkisbu billi ssir komunikazzjoni mad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti billi ċċempel fuq 8007 2310 jew 2292 6535 jew tibgħat imejl fuq plantprotection@gov.mt.

No. 1183

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Explanatory Notes with regards to Propagation Material of Vines (Amendment) Regulations, 2025[1]

a. Introduction

Title of the Legal Notice	Propagation Material of Vines (Amendment) Regulations, 2025 (hereinafter referred to as the "amending regulations")
Activity to be regulated	To further transpose of Article 5(1) of Council Directive of 9 April 1968 on the marketing of material for the vegetative propagation of the vine (68/193/EEC).
Responsible entity	Plant Protection Directorate within the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights

b. Summary and background

Council Directive of 9 April 1968 on the marketing of material for the vegetative propagation of the vine (68/193/EEC) was transposed via Propagation Material of Vines Regulations (S.L. 433.15) (hereinafter referred to as the "principal regulations"). The principal regulations were first published in 2004 and further amended in 2006 and 2020. The need recently arose to further transpose Article 5(1) of the said Directive, so that in the case of vine varieties that were already accepted as at 31 December 1971, reference may be made to their description in the official ampelographic publications.

c. Overview of the structure of the instrument

These amending regulations are made up of two (2) regulations and consist of the following:

Regulation 1. Citation and scope
Regulation 2. Amends regulation 7(5) of the principal regulations.

d. Commentary

Regulation 2: Amends regulation 7(5) in order to add the following text "For those varieties already accepted as at 31 December 1971, reference may be made to the description in the official ampelographic publications." at the end of this particular sub-regulation.

e. Concluding Section

These regulations shall come into force from the date of their publication in the Government Gazette.

For further information kindly contact the Plant Protection Directorate via email at plantprotection@gov.mt or via telephone 22926535.

[1]These Explanatory Notes are for the purpose of and in accordance with Article 3(2)(c) and Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta.

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

28th July, 2025

User Guidelines

Legal Notice: Propagation Material of Vines (Amendment) Regulations, 2025

Target Audience

The following information pertains to professional operators that are registered with the Plant Protection Directorate and which are active in the propagation and marketing of propagation material of vines.

Objective of the Legal Notice

The national law, Subsidiary Legislation 433.15 – Propagation Material of Vines Regulations, provides the rules and standards for the marketing of material for the vegetative propagation of the vine [plants of the genus Vitis (L.) intended either for the production of grapes or to be used as propagation material for such plants]. One can find this legislation in Legislation Malta (https://legislation.mt/eli/sl/433.15/20201002/eng).

Regulation 7 of S.L. 433.15 stipulates the conditions for the listing of varieties and states that the catalogue in which varieties are registered shall indicate the principal morphological and physiological characters by which the varieties can be distinguished from one another. From the publication of the new Legal Notice, for those varieties already accepted as at 31st December 1971, reference may be made to the descriptions in the official ampelographic publications.

Sectors affected

Business related to the propagation and marketing of vines.

Compliance

Professional operators need to take all the necessary measures to guarantee compliance with the newly included provision when intending to propagate and market old vine varieties in the Maltese territory.

The details in this document do not substitute the national legislation and do not have any legal weighting. Any mistake or omission in these guidelines does not exempt the professional operator from the compliance required by Subsidiary Legislation 433.15 together with the new Legal Notice.

Regulator

Among other responsibilities, the Plant Protection Directorate shall ensure that any old vine varieties to be cultivated in the Maltese territory from which propagation material shall be taken and marketed, shall be registered in the national catalogue subject to the presentation of descriptions available in the official ampelographic publications.

Contact Details

More explanations can be obtained by communication with the Plant Protection Directorate by calling on 8007 2310 or 2292 6535 or by email on plantprotection@gov.mt.

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

1930

Bandu għall-Kuraturi
Repubblika ta' Malta
Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-2 ta' Lulju, 2025, fuq talba ta' Abalone Group Ltd ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil Abalone Asset Management Ltd fl-atti tar-rikors guramentat numru 54/2025ISB fl-ismijiet Abalone Group Ltd vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat numru 54/2025ISB Abalone Group Ltd (C85317) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Abalone Asset Mangement Ltd (C71261), ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti (Sezzjoni Kummerċ) fil-25 ta' Ġunju, 2025, fejn Abalone Group Ltd (C85317) talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

i. Tordna lis-soċjetà intimata Abalone Asset Management Ltd (C 71261) tiġi xolta u konsegwentement stralċjata taħt l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti a tenur tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) u/jew 214(2)(b)(ii) u/jew 214(2)(b)(iii) tal-Att;

ii. Taħtar likwidatur biex jieħu l-kontroll tal-likwidazzjoni tal-kumpanija intimata skont il-liġi; u

iii. Tagħti dawk l-ordnijiet kollha meħtieġa u opportuni fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Esponenti: c/o 171, Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta VLT 1455

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 2 ta' Lulju, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Banns for Curators
Republic of Malta
To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 2nd July, 2025, following a request by Abalone Group Ltd it was ordered that deputy curators be chosen to represent Abalone Asset Management Ltd in the acts of the acts of the sworn appliction number 54/2025ISB in the names Abalone Group Ltd vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Applicantion number 54/2025ISB in the names of Abalone Group Ltd (C85317) vs Deputy Curators to represent Abalone Asset Management Ltd (C71261) filed in the Civil Court (Commercial Section) on the 25th June, 2025, the applicant Abalone Goup Ltd (C 85317) respectfully submitted this Honourable Court so that it:

i. Order the respondent company Abalone Asset Management Ltd (C 71261) to be dissolved and consequently wound up under the authority of this Honourable Court in terms of Article 214 (2) (a) (ii) and/or 214 (2) (b) (ii) and/or 214 (2) (b) (iii) of the Act;

ii. Appoint a liquidator to take control of the liquidation of the respondent company according to law; and

iii. Give all necessary and opportune orders in the circumstances of the case.

Applicants: 171, Triq l-Ifran, Valletta VLT 1455

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey, LLD, Doctor of Laws.

Today 2nd July, 2025

Registry of the Superior Courts, today 25th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603